

# San Niklaw

David Bartolo

F'ħarġet preċidenti tkellimna fuq l-istorja tal-Mellieħa, l-iktar fuq difiżi u il-Mellieħa fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann. Tajna ħarsa ukoll lejn il-postijiet naturali u l-ismijiet tagħhom ukoll. Issa naħseb li jkun ta' benefiċċju lejn il-qarrej li nidħlu iktar fil-fond ta' dawn il-postijiet. Iddeċidejt li nikteb xi ħaġa fuq San Niklaw.

Int u nieżel mit-triq lejn l-Għadira faċċata tal-binja misterjuża tar-Razzet tax-Xjaten, wieħed għandu jara għolja magħmula minn blat samm li jidher jaħkem fuq il-Bajja tal-Mellieħa sa Xquq jew il-Prajjiet, illum magħruf aħjar bħala Popeye Village. Dan is-sies ġgantesk jissejjaħ San Niklaw. Barra li jħares bħal ħakkiem fuq l-Għadira u l-inħawi , huwa joffri ukoll kenn bil-bosta lill- għelieqi fertili ta' taħtu.

Bosta nies jgħaddu minn taħt din l-għolja kemm fis-Sajf, fi triqithom lejn il-bajjiet ramlin tat-tramuntana u kemm fix-Xitwa f'xi ġurnata xemxija biex iduru fil-kampanja speċjalment lejn l-oqsma ta' l-Aħrax. Ftit huma n-nies li jafu li f'din l-għolja li hi għanja fil-ġeografija naturali tagħha l-aktar fis-sisien maqtugħin dritti minn ċertu naħiet u fl-għerien li hemm bil-bosta, u eżattament f'wieħed mill-għerien tinstab il-kappella trogloditika ta' San Niklaw. Trogloditika tfisser komunita jew lok ta' għejxien fl-għerien.

F'Malta kellna bosta minn dawn il-komunitajiet li fihom għexu għal-żmien twil ġo l-għerien. Minbarra San Niklaw, nsibu Għar il-Kbir lejn Ħad-Dingli, San Brinkaw u San Pietru lejn in-Naxxar. Fil-Mellieħa, ta' min jagħmel osservazzjoni żgħira, nsibu ukoll post magħruf bħala l-Arġentir, li fih għal żmien twil għexet komunita fl-għerien. Ħarsa oħra teħodna lejn is-



*Is-sies ta' San Niklaw bil-kappella għar ta' San Niklaw u il-ġnien taħtu.*

Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa li parti minnhu hu għar, l-għar tal-Madonna u l-għar u *casa* ta' Tromblet, li hu speċi ta' dar ġo għar. Jeżisti xebħ kbir bejn San Niklaw u San Pietru. It-tnejn iħarsu lejn il-baħar u taħthom jinstabu oqsma agrikoli. San Niklaw jinsab 180 metru il-fuq mil-livel tal-baħar waqt li San Pietru jinsab 200 metru il-fuq mil-livel tal-baħar.

Din il-kappella komunita li hija ddedikata lil San Niklaw patrun tal-baħrin u s-sajjieda, qaddis meqjum ħafna fil-Knisja tal-Lvant. Fiha fdal ta'affreski li illum ma tantx għadhom jidhru. Din il-kappella għandha żewġ fenomeni li huma parti mill-istorja ta' ġensna. Dawn il-fażijiet huma n-natura u l-mixja tal-bniedem f'pajjiżna. Dawn iż-żewġ fażijiet kważi mxew paralleli ma' xulxin speċjalment qabel il-perjodu modern li żviluppa fis-seklu 18 mal-qawmien tal-popli fl-Amerika u Franza. Il-bniedem speċjalment fiż-żmien bikri, dejjem fittex in-natura biex jgħix mwennes mill-għadu, bosta strutturi megalitiċi bħal Ħaġar Qim u Borg in-Nadur f'Malta u l-Ġgantija u n-Nuffara f'Għawdex huma fuq għoljiet strateġiċi. Dan offra lill- bniedem ċertu serħan tal-moħħ, għax uża n-natura bħala sur ta' difiża mill-għadu. Dan baqa jsir sakemm il-bniedem żvillupa tagħmir u armi sofistikati bħal l-artellerija li ġabet bdil radikali speċjalment fejn jidħlu fortifikazzjonijiet.

Minn din il-parentesi, jidher biċ-ċar li anke hawn, San Niklaw kien parti minn dan il-ħsieb, msaħħaħ bil-fatt li minn hawn wieħed jista' jimraħ sew fuq il-kosta tat-trammuntana speċjalment id-daħliet kennija. Nerġgħu ftit lura għall-għeruq ta' l-argument, nsibu li f'Malta ġew identifikati tlett tipi ta' kommunitajiet li għexu fl-għerien fiż-żmien Nofsani jew il-Medju Evu. Dawn huma l-użu tat-tafal fi strutturi naturali biex jintużu bħala kmamar biex jagħmru n-nies fihom bħal Għar il-Kbir, l-użu tal-għerien naturali l-iktar fuq l-irdumijiet bħal fil-każ ta' San Niklaw u l-użu tal-għerien biex isservu għall-htiġijiet tal-kult u spiritwali. F'dan ta l-aħħar jerġa jidħol San Niklaw. Hemm ukoll għerien oħra li servew għal dan l-għan bħal Santa Agata ir-Rabat u Għar Ħanżir, Ħal Qormi.

San Niklaw jissemma ukoll f'dokumenti storiċi bħala benefikat *Beneficio di S.Nicolao della Mellieha* Jissemma ukoll bħal meta l-Inkwiżitur u Isqof Pietru Dusina għamel viżta pastorali fl-1575 fil-Mellieħa u semma din il-kappella-għar li hu żar fost il-14-il maqdes fl-inħawi.



*Mappa tas-sit ta' San Niklaw*

Nistgħu ukoll nimirhu iktar il-bogħod, speċjalment fiż-żmien il-Biżantini. Dawn kienu ħakkiema mil-lvant li ħakmu lil Malta fil-bidu taż-żmien Nofsani Bikri. Dawn kienu bħal speċi ta' Rumani tal-Lvant. Is-seklu ħamsa, il-bidu taż-żminijiet Nofsana, kien seklu ta' taqlib kbir. L-Imperu Ruman kien kbir wisq, biex jiġi mmexxi u ikkontrollat minn Ruma u kien ilu jċedi ftit, ftit bil-konflitti anki interni u gwerer kbar. Mis-sena 395 w.K, dan l-imperu inqasam fi tnejn b'Ruma tmexxi il-Punent u Ruma l-Ġdida-Kostantinopli tmexxi dak tal-Lvant. Il-Biżantini kienu ċiviltà ġdida Griega jitkellmu bil-Grieg, waqt li r-Rumani kienu jitkellmu bil-Latin. Tgħidu dan kollu x'għandu x'jaqsam ma' dan l-għar? Kif diġà rajna il-kult ta' San Niklaw kien u għadu meqjum ħafna fil-knisja tal-Lvant, il-knisja Ortodossa. Kien l-imperatur Kostantinu l-ewwel li ħareġ l-edit ta' Milan fis-sena 313 li ordna li tispiċċa il-persekuzzjoni ta' l-insara u laqa l-ewwel Konċilju ta' Nicaea fis-sena 325, fejn ordna li jispiċċa l-paganiżmu u għamel ir-reliġjon Nisranija ir-reliġjon uffċċjali ta' l-imperu. Minn din l-ordni nfetaħ kapitlu ġdid fejn il-Kristjani ma kellhomx għalfejn ikomplu jistaħbew biex jipprattikaw ir-reliġjon tagħhom. Din il-fażi jista' jgħaqqad il-fatt li din il-kappella ġiet magħmula hekk fiż-żmien il-Biżantini u serviet bħal maqdes għan-nies ta' l-inħawi. Ta' min isemmi ukoll li fi żminijiet imbiegħda, l-peninsula tal-Marfa kienet tissejjaħ Chersoneso li bil-Grieg tfisser peninsula.



*Dak li fadal mill-affresk ta' San Niklaw*



***PJAN TAL-KAPPELLA GĦAR TA' SAN NIKLAW***

***Tfissir tal-pjan:***

- ***A** L-għammar fl-Għar*
- ***B** Kappella-Għar*
- ***C** Maqjel ta' l-animali*
- ***D** Terrazzin li jgħaqqad l-għammar u l-kappella*
- ***E** Blata fil-ġenb tad-daħla tal-Kappella-Għar*
- ***F** Ħajt tas-sejjieħ faċċata tad-daħla ta' l-Għammar*
- ***G** Ħajt tas-sejjieħ faċċata tad-daħla tal-Kappella-Għar*
- ***H** Apisidi; daħla minn l-għammar fl-Għar*
- ***I** Toqob mħaffrin simili għal-toqob għal-lampi*
- ***J** Qatgħa fl-art ta' l-Għar b'mogħdija tgħaddi minnha, maqtgħuha fil-blat*
- ***K** Ħwat*
- ***L** Pjattaforma li taqsam l-għar f'żewġ livelli differenti*
- ***M** Tieqa mħaffra fil-blat*
- ***N** Ħajt tas-sejjieħ ieħor*
- ***O** Xkaffa maqtgħuqa fil-blat*

Ta' min jgħid ukoll li f'dan il-post damu jgħammru in-nies għal bosta snin. Meta l-Mellieħa saret mill-ġdid Parroċċa maqtgħuha għaliha f'Ġunju 1844, il-Kappillan Dun Pawl Le Brun għamel Status Animarum, speċi ta' ċensiment għan-nies kollha tal-Mellieħa. Min dan iċ-ċensiment, ħareġ li f'dan il-post kien hemm jgħixu 15-il ruħ, dan f'ċensiment simili fl-1881, nsibu li żdiedu in-nies fl-inħawi u tela' għal 21 persuna.

**Riferenzi:**


Bezzina, John ( 1987) Toponomastika tal-Mellieħa-Fik Ittamaw Missirijietna Ittamaw u Inti Ħlisthom. Parroċċa-Marija Bambina Mellieħa -1987

Bezzina John (1989) Festa ta' Marija Bambina – 1989

Bonanno Tony, Borg Marlene u Vella Ernest ( 2004) L-Arkeoloġija ta' Malta.KK. nru 59

Buhagair Keith (1997)-The San Niklaw Cave-Settlement – Melita Historica Vol XII no. 2

Dalli ,Charles (2002) Iż-Żmien Nofsani Malti.K.K nru 35

Mifsud Ganni(1987)-Il-Madonna tal-Mellieħa, Mellieħa-Malta

Muscat, Jimmy-Inħawi abitati u Toroq ( 2002)- Catania, Joe( Editur) Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żminijiet